# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION
## ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 17 ta' Ġunju, 2025.**

**Numru 10**

**Rikors numru 869/19/1 AF**

**William England u b'digriet tal-25 ta' Frar 2025 l-atti ġew assunti minn Dr Gianella Farrugia għan-nom tas-soċjetà Miteri Limited fil-kwalità tagħha ta' Amministratur attwali ta' Madliena Village Owners Association minflok William England**

**v.**

**Cissa Limited**

**Il-Qorti:**

1. B'rikors ġuramentat tat-12 ta' Settembru 2019 l-attriċi talbet li l-konvenuta tiġi kkundannata tħallas diversi ħlasijiet allegatament dovuti mill-konvenuta, bid-dispensa mis-smigħ skont Art. 167 tal-Kap. 12.

2. Il-Prim'Awla appuntat il-każ għas-smigħ għat-23 ta' Ottubru 2019 u ordnat in-notifika tar-rikors u tal-avviż.

3. Skont riferta tal-Marixxall tat-30 ta' Settembru 2019 "Ma sibtx 130A jew il-kumpannija msemmija". L-indirizz indikat tal-konvenuta huwa dak li jinstab fuq il-websajt tar-Reġistru tal-Kumpaniji u ċjoè 130A, Archbishop Street, Valletta.

4. Fit-23 ta' Ottubru 2019 il-Qorti ddifferiet il-kawża għall-14 ta' Novembru 2019 minħabba impenji tal-Imħallef sedenti barra minn Malta.

5. Fl-24 ta' Ottubru 2019 l-attriċi talbet notifika bil-pubblikazzjoni. Sostniet li ma setgħetx tagħmel affissjoni. Il-Qorti laqgħet it-talba.

6. Il-kawża kompliet tiġi differita diversi drabi għal raġunijiet varji – indispożizzjoni tal-Imħallef sedenti; in-nuqqas ta' konklużjoni tal-proċedura għan-notifika, kif ukoll il-pandemija tal-COVID.

7. Il-pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern saret fil-5 ta' Novembru 2019; fil-gazzetti in-Nazzjon u Times of Malta fis-26 ta' Novembru 2019 u fit-23 ta' Diċembru 2019 rispettivament. Ma jidhirx li saret affissjoni.

8. Waqt l-udjenza tal-1 ta' Ġunju 2021, deher William England għall-assoċjazzjoni attriċi assistit mill-avukat tal-attriċi filwaqt li ħadd ma deher għall-konvenuta. Il-Qorti ippronunzjat is-sentenza li biha laqgħet it-talbiet tal-attriċi.

9. Il-konvenuta appellat mis-sentenza. Fil-qosor, id-doljanzi tagħha huma li:

(1) L-Ewwel Qorti ippronunzjat is-sentenza mingħajr ma żgurat li l-attriċi ħarset id-dispożizzjonijiet tal-Art. 167 *et seq*. tal-Kap. 12. U

(2) Il-konvenuta kienet lesta tiddefendi ruħha fil-mertu.

**L-ewwel aggravju**

10. L-appellanti elaborat ir-raġunijiet tagħha dwar l-ewwel aggravju b'mod ingarbuljat u ripettitiv. Din il-Qorti qiegħda torganizzahom mill-aħjar li tista' b'mod iktar kronoloġiku, ċar, konċiż u loġiku kif ġej:

(i) Ir-rikors ġuramentat ma ġiex notifikat minn uffiċjal eżekutur tal-Qorti kif jesiġi l-Art. 169A. M'hemmx spjegazzjoni kif l-uffiċċjal eżekutur ma rnexxilux jinnotifika l-atti.

(ii) L-attriċi messha rtirat it-talba tagħha għad-dispensa mis-smigħ qabel tinnotifika bil-proċedura tal-pubblikazzjoni. Min-naħa tagħha, l-Qorti messha waqqfet il-proċedura tal-giljottina u ordnat li l-kawża tkompli bil-proċedura ordinarja.

(iii) Il-proċedura tal-pubblikazzjoni fiha nuqqasijiet serji għaliex:

(a) Fiha m'hemmx premessi imma biss talbiet.

(b) Meta awtorizzat il-pubblikazzjoni, il-Qorti messha skont Art. 187(3) iffissat data u ħin mill-ġdid u tordna li d-digriet tagħha jiġi nkluż fil-pubblikazzjoni.

(iv) Skont Art. 169, il-konvenuta kellha tiġi mħarrka biex tidher mhux iktar kmieni minn 15-il jum u mhux iktar tard minn 30 jum min-notifika; fin-nuqqas ma timxix bi proċediment sommarju speċjali iżda tagħti ordnijiet xierqa biex id-drittijiet tal-partijiet ma jiġux ippreġudikati. Il-Qorti messha tal-inqas tat fakultà lill-konvenuta tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha. In-nuqqas ta' ħarsien tat-termini jwassal għan-nullità tas-sentenza.

(v) L-attriċi kellha ġġib il-provi in sostenn tat-talbiet tagħha. Fir-rikors ġuramentat hemm lista ta' xhieda li suppost xehdu jew esebew

dokumenti iżda kull ma ressqet bħala prova kienet l-istqarrija fil-para. 3 tal-premessi tar-rikors ġuramentat, bla ma sostniet it-talbiet tagħha.

11. **Rigward l-ewwel doljanza:** l-appellanti titfa' dubju fuq l-uffiċjal eżekutur tal-Qorti billi tistqarr li ma tistax tifhem kif ma sabx l-indirizz tagħha. Hija iżda ma ssostanzjatx dan id-dubju tagħha.

12. L-appellanti tgħid ukoll li n-notifika ma saritx minn dan l-uffiċjal, skont kif mitlub mill-Art. 169A. Jidher li hawn l-appellanti qiegħda tirreferi għall-fatt li n-notifika saret bil-mezz tal-pubblikazzjoni. Tassew li l-Art. 169A jesiġi li rikors ġuramentat (u xi atti oħrajn) għandu jiġi notifikat minn uffiċjal eżekutur tal-Qorti. Li jfisser in-notifika ma tistax issir ukoll minn uffiċjali tal-Posta, kif ikkontemplat fl-Art. 187(8). Ma jfissirx li jekk l-attentat tal-uffiċjal eżekutur ifalli, ma tistax issir il-proċedura tal-affissjoni u tal-pubblikazzjoni skont l-Art. 187(3), (5) jew (6). Il-liġi stess tippermetti li dan isir. Fejn riedet tipprojbih, hekk għamlet espressament, bħalma għamlet permezz tal-*proviso* għall-Art. 166A(2) fil-każ ta' notifika ta' ittri uffiċjali b'talba għal dejn ċert, likwidu u li għalaq skont l-Art. 166A.

13. Din il-Qorti tqis li skont Art. 187(5) il-Qorti **"tista'"**, f'każ li mir-riferta tal-uffiċjal jirriżulta li n-notifika ta' korp li jkollu personalità ġuridika ma tkunx saret, tordna n-notifika bl-**affissjoni** (billi titwaħħal kopja tal-iskrittura fil-post, fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwaħħlu l-atti uffiċjali,

fejn dak il-korp ikollu l-uffiċċju reġistrat, uffiċċju prinċipali, jew il-post tan-negozju tiegħu, u, meta possibbli, billi titwaħħal kopja tal-iskrittura mal-bieb tal-uffiċċju reġistrat, uffiċċju prinċipali, jew post tan-negozju) **"u" l-pubblikazzjoni** (billi dik l-iskrittura tinħareġ fil-qosor fil-Gazzetta tal-Gvern u f'ġurnal ta' kuljum wieħed jew aktar minn wieħed skont kif il-Qorti tista' tiddeċiedi). Il-Qorti "**tista' wkoll"** tieħu dawk il-miżuri oħra li jkunu jidhrulha xierqa sabiex tgħarraf b'dik l-iskrittura lil xi ħadd mill-persuni msemmija fl-Artikolu 181A(2).

14. L-użu mil-leġislatur tal-konġuntiv "u" pjuttost mill-konġuntiv "jew" ifisser li mhux biżżejjed issir il-pubblikazzjoni; trid issir ukoll l-affissjoni. F'dan il-każ ma saret l-ebda affissjoni, la fl-Għassa tal-Pulizija tal-Belt Valletta u lanqas fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali tal-istess lokalità.

15. Għalhekk il-proċedura sostituttiva għan-notifika permezz ta' uffiċjal eżekutur tal-qrati ma ġietx segwita. Proċedura li trid tiġi segwita *ad unguem* minħabba l-importanza li l-konvenut isir jaf bil-proċeduri miftuħa kontrih; iktar u iktar fil-każ ta' proċediment sommarju speċjali.

16. Din id-doljanza qiegħda tiġi milqugħa fis-sens fuq indikat.

17. **It-tieni doljanza** hi li l-Ewwel Qorti messha, wara t-tentattiv b'eżitu negattiv tal-uffiċjal eżekutur tagħha, ordnat il-prosegwiment tal-kawża bil-mod normali, u mhux awtorizzat il-pubblikazzjoni.

18. Fil-fehma ta' din il-Qorti, din id-doljanza ma hi bbażata fuq l-ebda liġi u għalhekk qiegħda tiġi mwarrba. Dan għaliex biex il-Qorti setgħet tikkonverti l-proċedura f'waħda ordinarja, kellha ssib difett fin-notifika jew tkun konvinta li l-konvenuta kellha eċċezzjonijiet validi x'tagħti.

19. **Dwar it-tielet doljanza**, huwa spropożitu li jingħad li fil-pubblikazzjoni kellhom għalfejn jitniżżlu l-premessi tat-talbiet meta dawn ma jingħatawx fil-proċedura sommarja speċjali.

20. Il-liġi trid li l-iskrittura jew att tiġi ppubblikata "fil-qosor". M'hemm l-ebda ħtieġa li jiġu ppubblikati wkoll id-data u l-ħin tal-appuntament tal-kawża, kif tippretendi l-appellanti.

21. Din id-doljanza qiegħda tiġi skartata wkoll.

22. Dwar **ir-raba' doljanza**, huwa minnu li skont l-Art. 169, il-konvenut għandu jiġi mħarrek biex jidher mhux iktar kmieni minn 15-il jum u mhux iktar tard minn 30 jum min-notifika. Fil-fatt kellu jidher ferm wara t-30 jum

- iktar minn sena u nofs wara n-notifika - anke minħabba l-għeluq tal-Qorti minħabba l-pandemija tal-COVID-19.

23. Dawn it-termini iżda mhumiex fatali. Il-*proviso* għall-Art. 169 jipprovdi li fin-nuqqas ta' tħaris tat-termini, il-Qorti m'għandhiex twaqqaf il-proċediment sommarju speċjali, iżda tagħti dawk l-ordnijiet biex id-drittijiet tal-partijiet ma jiġux ippreġudikati. Il-minimu ta' 15-il jum huwa fl-interess tal-konvenut; il-massimu fl-interess tal-kreditur.[1] Fil-każ preżenti, id-dewmien kien favur u mhux kontra l-konvenut li b'hekk ingħata żmien ferm ampju biex jirregola ruħu.

24. Lanqas din id-doljanza m'għandha bażi legali.

25. **Il-ħames doljanza** hija waħda tassew frivola. Il-proċedura li biha l-attriċi fetħet din il-kawża jisimha magħha – "sommarja speċjali"; popolarment imlaqqma b'mod iktar grafiku "tal-giljottina" għaliex permezz tagħha ma jkunx hemm għalfejn jinstemgħu l-provi sħaħ kif isir fil-proċedura normali. Jibbasta għall-prova minima meħtieġa f'din il-proċedura żbrigattiva r-rikors ġuramentat maħluf mir-rappreżentant tal-attriċi**.** Ma kienx hemm għalfejn jitressqu iktar provi.

[1] Ara sentenza ta' din il-Qorti diversament komposta fl-ismijiet Banif Bank (Malta) p.l.c. v. Pierre Debono 25.02.2021, iċċitata mill-appellata.

**It-tieni aggravju**

23. Permezz ta' dan l-aggravju, l-appellanti ssostni li kienet lesta tiddefendi ruħha fil-mertu. Billi ġie milqugħ l-ewwel aggravju, it-tieni aggravju sar superfluwu.

***Decide***

26. Għal dawn il-motivi l-Qorti qiegħda tilqa' l-appell fis-sens li tħassar is-sentenza tal-Ewwel Qorti u tibgħat lura l-atti lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili diversament ippreseduta sabiex tisma' l-kawża mill-ġdid inkluża t-talba għad-dispensa mis-smigħ. Spejjeż ta' dan l-appell a kariku tas-soċjetà appellata.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Robert G. Mangion
Imħallef

Grazio Mercieca
Imħallef

Deputat Reġistratur
da